**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nħar l-Erbgħa 6 ta' Diċembru, 2017.**

**Talba Nru: 416/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Claudia Burmeister**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-1 ta' Settembru 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' ħames mija u erbgħa u għoxrin Ewro u ħdax-il ċenteżmu (€524.11ċ) in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni mogħtija lilha fuq il-kont 40140180, bl-ispejjeż u d-drittijiet, u bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett dwar il-kont mertu ta' din il-kawża, tal-ħlasijiet mitluba (Dok. A, fol. 4-6); (ii) kopja tal-kuntratt bejn is-soċejta' attriċi u l-konvenuta (Dok. B, fol. 7-21); (iii) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri r-reġistrazzjoni tal-konvenuta (Dok. C, fol. 22) u (iv) affidavit ta' Charmaine Psaila Raji, *credit controller* mas-soċjeta' attriċi, li kkonfermat li l-ammont mitlub għadu dovut (Dok. D, fol. 23).

Ra li l-konvenuta debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, attendiet għas-smigħ quddiem it-Tribunal fl-udjenża tad-29 ta' Novembru 2017, u ddikjarat li taqbel mat-talba tas-soċjeta' attriċi f'din il-kawża.

Ra li t-Tribunal spjega lill-konvenuta l-konsegwenżi ta' din l-ammissjoni tagħha, pero' l-istess konvenuta reġgħet ikkonfermat li hija taqbel mat-Talba.

Ikkunsidra li t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-kundanna tal-konvenuta biex tħallasha s-somma mitluba tirriżulta ampjament pruvata bl-ammissjoni tal-konvenuta stess.

Għaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi u jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma mitluba ta' ħames mija u erbgħa u għoxrin Ewro u ħdax-il ċenteżmu (€524.11ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**